

**Noti fuq il-formola ta' applikazzjoni għad-dħul fil-  
LISTA TA' RAPPREŻENTANTI PROFESSJONALI FIR-RIGWARD TA'  
KWISTJONIJIET TA' DISINJI quddiem l-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali  
tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) skont l-Artikolu 78 tar-Regolament tad-  
Disinn Komunitarju (RDK)**

## **1. Min jista' jiddaħħal fil-lista speċjali ta' rappreżentanti professjonali?**

Sabiex rappreżentant professjonali jiddaħħal fil-lista speċjali tar-rappreżentanti professjonali msemmija f'Artikolu 78 RDK, il-kondizzjonijiet li ġejjin iridu jkunu obbligati:

- L-applikant irid ikollu nazzjonalità ta' wieħed mill-Istati Membri taż-Żona Ekonomika Ewropea
- Il-post tan-negozju jew impjeg irid ikun fiż-Żona Ekonomika Ewropea.
- Ma jridx ikun imdaħħal fil-lista ta' Artikolu 93(1)(b) EUTMR. Jekk huwa/hija jkun/tkun fuq dik il-lista, huwa/hija jkun/tkun diġà intitolat/a biex jirrapreżenta/tirrapreżenta fi kwistjonijiet relatati mat-trejdmarks u d-disinji.
- Huwa/hija intitolat/a /jirrapreżenta/tirrapreżenta persuni ġuridiċi jew fiżiċi fi kwistjonijiet relatati mad-disinji quddiem l-uffiċċju ċentrali tal-propjetà industrijali ta' Stat Membru fiż-Żona Ekonomika Ewropea

Meta fi Stat Membru taż-Żona Ekonomika Ewropea l-intitolament biex tkun irrapreżentata persuna fiżika jew ġuridika fi kwistjonijiet ta' disinji tiddependi mill-bżonn ta' kwalifiki professjonali speċjali, l-applikant irid ikun ġab dik il-kwalifika professjonali speċjali. Fejn fi Stat Membru taż-Żona Ekonomika Ewropea tali talba ta' kwalifiki professjonali speċjali ma teżistix, l-applikant irid ikun ħa sehem regolari fi kwistjonijiet ta' disinji bħala rappreżentant professjonali għal mill-inqas ħames snin quddiem l-uffiċċju ċentrali industrijali tal-proprietà f'dak l-Istat Membru.

Il-ħtieġa li tkun eżerċitajt il-professjoni għal mhux inqas minn ħames snin ma tapplikax għal persuni li l-kwalifika professjonali tagħhom biex jidhru fi kwistjonijiet ta' disinji quddiem l-uffiċċju nazzjonali tkun ġiet uffiċjalment aċċettata skont ir-regolamenti nazzjonali msemmija minn tali Stat Membru.

Barra minn hekk, id-Direttur Eżekuttiv tal-EUIPO jista' jeżenta l-ħtieġa li persuna tkun eżerċitat il-professjoni għal mhux inqas minn ħames snin jekk l-applikant iressaq provi li jkun kiseb il-kwalifika mitluba mod ieħor. Id-Direttur Eżekuttiv tal-EUIPO jista' wkoll jeżenta mil-ħtieġa tan-nazzjonalità f'ċirkostanzi speċjali.

Il-persuni fuq il-lista speċjali ser ikunu intitolati biss jirrapreżentaw terzi persuni fi proċeduri quddiem l-EUIPO rigward Disinji Komunitarji skont Artikolu 78(2) RDK.

## **2. Liema pajjiżi għandhom rekwiżiti speċjali għal aġenti tad-disinji?**

Xi pajjiżi għandhom eżamijiet speċjali jew ir-rekwiżit li wieħed ikun eżerċita bħala rappreżentant b'mod regolari fi kwistjonijiet ta' disinji għal mhux inqas minn ħames snin

quddiem l-uffiċċju nazzjonali rispettiv. Wiehded għandu jirreferi għal-liġi nazzjonali sabiex jivverifika jekk jeżistux dawn ir-rekwiżiti.

Il-pajjiżi li ġejjin għandhom rekwiżiti speċjali għal aġenti tad-disinj. Dawn huma t-titoli li jintużaw għal dawn l-aġenti tad-disinj:

| PAJJIŻ             | Rappreżentant tad-Disinj                                       |
|--------------------|--|
| Il-Belġju          | Modellengemachtigde, Conseil en modèles                        |
| Ir-Repubblika Ċeka | Patentový zástupce (the same denomination as trade mark agent) |
| Id-Danimarka       | Varemaerkefuldmaegtig  |
| L-Estonja          | Patendivolnik (l-istess isem bħall-aġent tat-trejdmak)         |
| Il-Finlandja       | Tavaramerkkiasiamies, Varumaerkesombud                         |
| Franza             | Conseil en Propriété Industrielle                              |
| L-Irlanda          | Registered Patent Aġent  |
| L-Italja           | Consulente in brevetti   |
| Il-Latvja          | Patentpilnvarotais dizainparaugu lietas                        |
| Il- Lussemburgu    | Conseil en Propriété Industrielle                              |
| Ir-Rumanija        | Consilier in proprietate industrială (modele)                  |
| L-Iżvezja          | Varumaerkesombud   |
| L-Olanda           | Modellengemachtigde  |
| Ir-Renju Unit      | Registered Patent Aġent  |

### 3. Min ma jistax jiddaħħal fil-lista speċjali ta' rappreżentanti fi kwistjonijiet ta' disinj?

Il-prattikanti legali ma jiddaħħlux fil-lista speċjali ta' rappreżentanti professjonali fi kwistjonijiet ta' disinj msemija fl-Artikolu 78(4) RDK (ara l-Komunikazzjoni Nru 10/02 tad-Direttur Eżekuttiv tal-EUIPO tat-28 ta' Ġunju 2002).

Il-lista speċjali ta' rappreżentanti fi kwistjonijiet ta' disinj hija ta' natura sussidjarja. L-EUIPO jirrifjuta l-applikazzjonijiet kollha għal dħul fil-lista speċjali mibgħuta minn persuni li diġà huma mdaħħla fil-lista msemija fl-Artikolu 93 EUTMR jew li għandhom id-dritt li jiddaħħlu f'dik il-lista.

Il-lista speċjali ta' rappreżentanti professjonali fi kwistjonijiet ta' disinj ma tapplikax awtomatikament mill-bidu għal dawk l-Istati Membri fejn hemm rekwiżitu ta' kwalifika professjonali li tkopri trejdmaks, disinni u privattivi Dawn huwa l-każ tal-Awstrija (*Patentanwälte*), il-Ġermanja (*Patentanwälte*), il-Portugall (*Agentes Oficiais da Propriedade Industrial*)

, Spanja (*Agentes de la Propiedad Industrial*), l-Olanda (*Octrooigemachtigden*), il-Lussemburgu (*conseils en propriété industrielle*), Franza (*conseils en propriété industrielle*), l-Estonja (*Patendivolnik*, li jkunu għaddew mill-eżami għal kwistjonijiet ta' trejdmaks u disinni), l-Ungerija (*szabadalmi ügyvivo*), il-Litwanja (*Patentinis patiketinis*), il-Polonja (*Rzecznik Patenowy*), is-Slovakkja (*Patentový Zástupca*), is-Slovenja (*Patentni zastopnik, Zastopnik za modele in znamke*), ir-Rumanija (*Consilieri in proprietate industrială*) u l-Bulgarija (*Представител По Индустриална Собственост*).

Il-persuni minn dawn l-Istati Membri, li jkunu kisbu dawn it-titoli, għandhom japplikaw għad-dħul fil-lista ta' rappreżentanti professjonali skond l-Artikolu 93 EUTMR.

Fir-rigward ta' Malta, fejn ma teżistix kwalifika professjonali speċjali, id-dħul fil-lista speċjali ta' rappreżentanti professjonali fi kwistjonijiet ta' disinjati m'huwiex disponibbli. Għaldaqstant, il-persuni minn Malta għandhom japplikaw għal dħul fil-lista tal-Artikolu 93 EUTMR kemm-il darba l-kondizzjonijiet imsemmija f'din id-dispożizzjoni jiġu sodisfatti.

F'Ċipru, fejn il-Liġi dwar id-Disinjati ddaħħlet fl-2002, l-ebda kwalifika professjonali speċjali m'hi meħtieġa għal rappreżentanza fi kwistjonijiet ta' disinjati. Lanqas ma teżisti lista ta' persuni li eżerċitaw b'mod regolari bħala rappreżentanti esklussivament fi kwistjonijiet ta' disinjati għal minn tal-inqas ħames snin quddiem l-uffiċċju. Għaldaqstant, dħul fil-lista tal-Artikolu 78 RDK mhux possibbli.

F'dak li jirrigwarda l-Greċja u Ċipru, fejn il-prattikanti legali biss jistgħu jaġixxu bħala rappreżentanti fi kwistjonijiet ta' disinjati, dħul fil-lista speċjali m'huwiex disponibbli.

#### **4. L-applikazzjoni u ċ-ċertifikazzjoni**

Id-dħul fil-lista speċjali ta' rappreżentanti professjonali jsir fuq talba, li għandha tiġi ppreżentata, f'kull każ individwali, permezz tal-formola ta' applikazzjoni pprovduta mill-EUIPO. Il-lingwa li tintuża mill-applikant fit-talba tiegħu, jekk tkun waħda mill-lingwi tal-EUIPO, tiddetermina l-lingwa tal-korrispondenza bejn l-EUIPO u l-applikant għal dħul fil-lista.

Mat-talba għandu jintbghat ċertifikat maħruġ mill-uffiċċju ċentrali tal-proprjetà industrijali ta' Stat Membru taż-Żona Ekonomika Ewropea. L-ċertifikat għandu jindika li l-kundizzjonijiet elenkati hawn fuq (nazzjonalità, post tan-negozju jew impjeg, dritt ta' rappreżentanza) huma sodisfatti.

L-applikanti għandhom jimlew il-formola ta' applikazzjoni u jibagħtuha lill-uffiċċju nazzjonali rispettiv. Dak l-uffiċċju għandu jimla ċ-ċertifikat, li jinsab fit-tieni paġna tal-formola ta' applikazzjoni. Il-formola ta' applikazzjoni mimlija flimkien maċ-ċertifikat individwali mimli għandhom, skont il-prassi ta' kull uffiċċju nazzjonali, jew jintbagħtu lura lill-applikant li mbagħad irid jibgħat l-applikazzjoni lill-EUIPO, jew jintbagħtu minn dak l-uffiċċju direttament lill-EUIPO. Xi uffiċċji nazzjonali jippermettu lill-applikant li jaġħzel bejn dawn iż-żewġ alternattivi.

L-uffiċċji nazzjonali ma joħroġux ċertifikazzjoni kollettivi għal dħul fil-lista tal-Artikolu 78 RDK.

#### **5. Formula ta' applikazzjoni**

Il-formola ta' applikazzjoni flimkien maċ-ċertifikat huma disponibbli fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE. Il-formola ta' applikazzjoni tista' tinkiseb mill-uffiċċji ċentrali tal-proprjetà industrijali tal-Istati Membri, inkluż l-uffiċċju tat-Trejdmarks tal-Benelux. Din tista' titniżżel mill-websajt tal-EUIPO <http://euipo.europa.eu/en/design/form.htm> jew tista' tinkiseb mill-EUIPO f'dan l-inindirizz:

L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea  
Avenida de Europa, 4  
E-03008 Alicante  
SPAIN  
Telefon: (+34) 965 139 100 - Fax: (+34) 965 131 344  
[information@euipo.europa.eu](mailto:information@euipo.europa.eu)

